- *konverżjoni ta' multa u garanzija f'detenzjoni karċerarja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' Novembru 2021.**

**Rikors Kostituzzjonali Nru. 70/2020 GM**

**Gordon Micallef**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Gordon Micallef li permezz tiegħu qiegħed jitlobha:

1. Tiddikjara illi l-Artikli 11, 14, 579 u 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jiksru d-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif sanċiti taħt l-Artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artiklu 34 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dawk sanċiti taħt l-Artiklu 6 tal-istess Konvenzjoni u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.

2. Tipprovdi rimedju.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat.

Rat l-atti tal-kawża kif ukoll dawk tal-kawżi *Pulizija (Spettur Nikolai Sant) v. Gordon Micallef* (7/16) u *Pulizija (Spettur Jonathan Cassar) v. Gordon Micallef* (150/16) it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Settembru 2016.

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

Ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni tal-fatti, li żvolġew kif ġej:

Fid-19 ta' Settembru 2019 ingħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ż-żewġ sentenzi fuq imsemmija kontra r-rikorrent.

Fil-każ numru 7/2006 il-Qorti sabet lir-rikorrenti ħati ta' reati konnessi mal-pussess u traffikar tad-droga fl-25 ta' Diċembru 2015 u matul il-jiem ta' qabel u kkundannatu għal piena ta' 16-il xahar priġunerija u multa ta' €2,300 li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 14(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas fi żmien tliet snin mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas il-bilanċ dovut jiġi konvertit f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Fil-każ numru 150/2016 il-Qorti sabet lir-rikorrenti ħati ta' reati konnessi mal-pussess ta' droga kif ukoll li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-15 ta' Diċembru 2015 fid-29 ta' Mejju 2016 u kkundannatu għall-piena ta' 20 xahar priġunerija u multa ta' €2,000 li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 14(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas fi żmien tliet snin mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas il-bilanċ dovut jiġi konvertit f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Fl-istess sentenza ġie kundannat ukoll 15-il jum priġunerija għas-sentenza tal-tal-15 ta' Jannar 2015, it-telf tad-depożitu ta' €500 u t-telf tal-garanzija €10,000 kif ukoll il-ħlas ta' €537.37 spejjeż tal-esperti.

Fir-rigward tal-konfiska tad-depożitu l-Qorti kkunkludiet li fil-kuntest tal-Artiklu 579(2) tal-Kap 9 "m'għandha l-ebda diskrezzjoni fir-rigward tal-konfiska o meno tad-depożitu u l-garanzija impost fl-għoti tal-ħelsien mill-arrest, ladarba l-imputat jinsatab ħati ta' ksur tal-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti".

Ir-rikorrent ippreżenta żewġ rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex jkun hemm estensjoni tat-terminu għall-ħlas tal-multi, fejn argumenta li fit-tliet snin li għamel il-ħabs kien fl-impossibilita` li jħallas il-multi. Iżda l-Qorti b' digrieti mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2019 u fl-20 ta' Jannar 2020 wara li rat l-Artikli 14 u 586 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkonkludiet li ma għandhiex il-poter li testendi t-terminu oltre tliet snin mid-data tas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**L-ilment tar-rikorrent:**

Skont ir-rikorrent:

- Matul il-perjodu ta' priġunerija r-rikorrenti kien fl-impossibilita` li jħallas il-multi imposti fis-sentenzi hawn fuq indikati li b'kollox kien jlaħħqu €15,050.26c. Kif ħareġ mill-ħabs kellu jara kif jista' jibda jaħdem u kien diffiċli ħafna li jagħmel dan. Jistqarr, fir-rikors promotur, li huwa qed jagħmel minn kollox biex ikun qed jaħdem u jkun jista' jmantni lilu nnifsu u fl-istess ħin jħallas il-multi imposti fuqu.

- L-Artikli 14 u 586 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix l-opportunita' lill-Qrati tagħna li jestendu t-terminu għall-ħlas oltre t-tliet snin mid-data tas-sentenza anke jekk l-istess Qorti tiddetermina li fil-każ partiklari ċ-ċirkostanzi jimmilitaw favur dan bħal fil-każ odjern fejn l-esponenti kien inkarċerat u allura fl-impossibilita' li jaħdem jew jħallas l-istess multa.

- Il-multi imposti jagħtu vantaġġ lil persuni li huma finanzjarment tajjeb fuq persuni foqra bħalu.

- Skont l-Artiklu 11 tal-Kap. 9, il-multi imposti fuqu għandhom jiġu mibdula fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull €25. Mill-banda l-oħra, skont l-Artiklu 586 tal-Kap 9, f'każ li ma jħallasx il-garanzija sureferita għandu jinżamm f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull €11.65ċ ta' dik is-somma. Din id-diskrepanza hija artbitrarja u mhix ġustikabbli.

- It-telf tal-garanzija hekk kif ikkontemplata taħt l-Artiklu 579 *et seq* tal-Kap 9 mhux ġustifikat u dan peress li din il-miżura hija waħda sproporzjonata għall-każ odjern. L-għan tal-garanzija huwa sempliċement dak li jiżguraw illi l-persuna akkużata tidher meta mitluba quddiem il-Qorti kif ukoll ma tipprovax tadultera l-prova tal-prosekuzzjoni u b'xi mod tapprova tostakola l-kors tal-proċeduri. Ir-reat li għaliha l-esponenti tilef il-garanzija ma kellu ebda konnessjoni ma' dawk il-proċeduri u bl-ebda mod ma fixklu l-andament tal-istess proċeduri.

- Il-kwalita` tal-liġi taħt l-Artiklu 11, 14, 579 u 586 tal-Kap 9 ma tissodisfax ir-rekwiżiti emanenti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u konsegwentament jilledu l-istess Drittijiet Fundamentali hekk sanċiti taħt l-Aritklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artiklu 34 tal-Kostituzzjoni.

- Konfiska tassattiva bħal każ ojdern fejn il-Qorti ma għandha ebda diskrezzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tali konfiska hix ġustifikata hija leżiva fid-drittijiet

fundamentali tal-bniedem. Ċertament il-leġislatur jista’ jistabbilixxi t-tip ta’ sentenza għal kwalunkwe reat. Iżda l-qrati għandhom fl-istess ħin jitħallew iqisu l-fatti partikolari tal-każijiet li jiġu quddiemhom sabiex jiddeterminaw il-piena eżatta li jqisu ġusta u xierqa fil-qafas tal-leġislazzjoni relevanti. Jekk il-qrati ma jingħatawx is-setgħa diskrezzjonali meħtieġa biex jadattaw is-sentenza għall-każ individwali allura, inevitabbilment, dawn ikunu mxekkla fir-rwol ġudizzjaru tagħhom illi jirrikjedu li japplikaw prinċipji ta' sentenzjar u li jiżguraw indipendenza, ġustizzja u imparzjalita` - korollarju li hu l-evitar ta' piena li tkun sproporzjonata għall-gravita` tar-reat. Ir-riżultat prattiku taċ-ċaħda tal-qrati mis-setgħat diskrezzjonali tagħhom huwa li s-sentenza tiġi imposta direttament u *in abstracto* fil-każijiet kollha mil-leġiżlatur, irrispettivament mid-differenzi fattwali tagħhom, u dan kontra l-obbligu tal-qrati li jwettqu proċess ġust u kontra l-prinċipju tas-separazzjoni tal-poter.

- Konsegwentament il-fatt illi l-ġudikant ma kellu ebda diskrezzjoni jevalwa l-fatti tal-każ b’ applikazzjoni tassattiva tal-liġi jammonta għal nuqqas ta’ smigħ xieraq ai termini tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni għaliex jiġi li l-esponenti ġie kkundannat ta’ reat mingħajr ma ġie ġġudikat minn qorti independenti u imparzjali.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti:**

**L-Art. 5 tal-Konvenzjoni u Art. 34 tal-Kostituzzjoni:**

Il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra wieħed wieħed jekk l-Artikli 11, 14, 579 u 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jiksrux id-drittijiet fundamentali tal-

esponenti hekk kif sanċiti taħt l-Artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artiklu 34 tal-Kostituzzjoni.

Il-parti tal-**Artiklu 5 tal-Konvenzjoni** li tiswa għall-fattispeċje ta' dan il-każ hija din:

> **"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna.**
>
> **"Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:**
>
> **"(*a*) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;**
>
> **"(*b*) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi".**

**Artiklu 34 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi, skont in-nota marġinali tiegħu, "**protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja**". Fis-subartiklu (1) tiegħu, jingħad, għal dak li jista' jkun applikabbli għall-fattispeċje ta' din il-kawża, illi:

> **"Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri -**
>
> **"(*b*) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu jkun ġie misjub ħati…**
>
> **"(*d*) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi".**

**L-Artiklu 11 tal-Kap 9:**

> **"(1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-*maximum* tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u l-*minimum* tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29).**
>
> **"(2) Meta l-*maximum* ta' multa stabbilit f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi**

**oħra jkun inqas minn tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), il-*maximum* ikun tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u l-*minimum* ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65).**

**"(3) Il-multa, meta ma titħallasx fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 14, tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin ewro (35) jew parti minnhom:**

**"Iżda f'ebda każ (ħlief f'dak imsemmi fl-artikolu 17(g) u fl-artikolu 29(1)) il-priġunerija minflok il-multa m'għandha tiskorri ż-żmien ta' sitt xhur jekk il-multa ma tkunx aktar minn sebat elef ewro (7,000), sena jekk il-multa ma tkunx ta' aktar minn tletin elf ewro (30,000), tmintax-il xahar jekk il-multa ma tkunx aktar minn tmenin elf ewro (80,000) u sentejn jekk il-multa tkun ta' aktar minn tmenin elf ewro (80,000)".**

Ir-rikorrent ma jsemmix fir-rikors tiegħu liema huma dawk ir-rekwiżiti tal-jeddijiet fundamentali li suppost mhumiex qegħdin jitħarsu. Ma jistax jingħad li t-tħaddim ta' dan l-Artiklu ma jħarisx l-elementi tal-legalita` u tal-proporzjonalita`.

L-element tal-legalita` jinsab imħares bi kriterji oġġettivi għaliex il-piena tal-multa hija speċifikata f'liġi miktuba li hija ċara u li tinftiehem u l-istess multa tiġi inflitta b'sentenza ta' qorti kompetenti wara sejbien ta' ħtija ta' xi reat. Hekk ukoll hija ċara u prevedibbli l-liġi dwar il-bdil tal-multa fi priġunerija, jekk kemm-il darba l-ħati jonqos milli jħallas il-multa fiż-żmien mogħti lilu fis-sentenza.

Ma hemm xejn irraġonevoli li multa tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' €35 għal kull ġurnata, jekk il-multa tibqa' ma titħallasx. Kemm l-artiklu 5(1)(b) ta!-Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll l-artiklu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jawtorizzaw id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi - f'dan il-każ il-ħlas ta' multa.

Il-bilanċ fl-artiklu *de quo* jinsab imsaħħaħ ukoll bil-fatt li fil-liġi hemm ukoll massimu ta' żmien ta' kemm wieħed għandu jagħmel priġunerija f'każ li ma jħallasx il-multa. Jekk pereżempju l-multa tkun taħt is-€7,000, il-priġunerija minflok il-multa m'għandha qatt tiskorri ż-żmien ta' sitt xhur.

Ir-rikorrent fis-sentenza Dok. AS1 weħel 16-il xahar priġunerija u multa ta' €2,300 talli fost ħwejjeġ oħra biegħ u qassam id-droga ecstacy u kellu fil-pussess tiegħu 87 pillola *ecstacy* f'ċirkostanzi li juru li dawn ma kinux għall-użu personali tiegħu, filwaqt li fis-sentenza Dok. AS2 huwa weħel għoxrin xahar priġunerija u multa ta' €2,000 għaliex fost ħwejjeġ oħra biegħ u qassam id-droga *ecstacy* u kellu fil-pussess tiegħu 75 pillola ecstacy f'ċirkostanzi li juru li dawn ma kinux għall-użu tiegħu personali. Meta wieħed iqis li r-rikorrent seta' f'kull waħda minn dawn is-sentenzi jeħel skont l-artiklu 120A(2)(b) tat-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta sa piena ta' għaxar snin priġunerija u multa ta' €11,646.87, wieħed ma jistax ma jikkonkludix li l-multi li weħel ir-rikorrenti ma kinux daqshekk iebsa.

Jekk iż-żewġ multi msemmija jinbidlu fi priġunerija bit-tħaddim tal-artiklu 11 imsemmi, b'daqshekk wieħed ma jasalx għall-konkluzjoni li ż-żamma tiegħu fil-ħabs hija waħda arbitrarja. Tassew ma hemm xejn arbitrarju jew illegali li r-rikorrent jagħmel 65 jum iktar il-ħabs talli ma ħallasx multa ta' €2,300 u 57 jum ieħor talli ma ħallasx il-multa l-oħra ta' €2,000.

**L-Artiklu 14 tal-Kap 9:**

> **"(1) Persuna kkundannata għall-ammenda jew għall-multa għandha tħallasha minnufih. B'danakollu l-qorti tista', għal raġuni li għandha tiġi rreġistrata, tordna lill-persuna kkundannata li tħallas l-ammenda jew il-multa lir-reġistratur f'dak iż-żmien li jiġi stabbilit mill-qorti fis-sentenza:**
>
> **"Iżda, fil-każ ta' ammenda ta' tmienja u ħamsin ewro u tlieta u**

**għoxrin ċenteżmu (58.23) jew anqas, iż-żmien hawn fuq imsemmi m'għandux ikun ta' aktar minn għaxart ijiem, u, fil-każ ta' ammenda ta' iżjed minn tmienja u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23), jew fil-każ ta' multa, iż-żmien hawn fuq imsemmi m'għandux ikun ta' aktar minn xahar:**

**"Iżda fin-nuqqas ta' ħlas tal-multa jew tal-ammenda fiż-żmien stabbilit mill-qorti fis-sentenza tagħha jew, fin-nuqqas li jkun hemm impost terminu fis-sentenza, fi żmien ġimgħa waħda mid-data tas-sentenza, dik il-multa jew ammenda għandha tiġi konvertita minnufih fi priġunerija jew detenzjoni kif provdut fl-artikoli 11 u 13 skont il-każ, u l-Pulizija għandhom, bis-saħħa tal-awtorità mogħtija lilhom bis-sentenza u b'dan il-proviso, jarrestaw lill-persuna sentenzjata u jeħduha bi skorta fil-post imsemmi skont il-liġi għaż-żamma ta' persuni li jkollhom sentenza ta' multa jew ammenda konvertibbli fi priġunerija jew detenzjoni skont il-liġi:**

**"Iżda l-qorti tista' wkoll, b'dak kollu li jingħad fl-artikoli 11 u 13, meta tikkundanna għall-ammenda jew għall-multa, tistabbilixxi xi żmien ieħor ta' detenzjoni jew ta' priġunerija illi l-ikkundannat ikollu jagħmel, kemm-il darba hu ma jħallasx l-ammenda jew il-multa minnufih jew fiż-żmien li jkun ġie stabbilit, skont il-każ. Iżda ż-żmien ta' detenzjoni jew ta' priġunerija hekk stabbilit m'għandu qatt ikun iżjed miż-żmien imsemmi fl-artikoli 11 u 13 rispettivament.**

**"(2) Il-qorti tista' wkoll, fid-diskrezzjoni tagħha, meta tikkundanna jew f'kull żmien ieħor wara, tordna illi kull piena pekunjarja (ammenda jew multa) li għaliha persuna tkun ikkundannata, tista' titħallas b'rati ta' dawk l-ammonti u b'dawk l-intervalli ta' wara xulxin illi l-qorti jidhrilha xieraq, iżda hekk illi ż-żmien kollu li tulu l-ammont sħiħ għandu jitħallas ma għandu qatt ikun iżjed minn tliet snin, u illi, jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih, u d-disposizzjonijiet kollha ta' dan il-Kodiċi li jgħoddu għall-kundanna ta' ammenda jew ta' multa u għall-arrest u detenzjoni jew priġunerija, skont il-każ, jekk ma jsirx il-ħlas tal-ammenda jew multa, jkunu jgħoddu għal hekk".**

Dan l-artiklu jispeċifika b'mod ċar u li jinftiehem il-mod ta' kif għandha titħallas il-multa. Ir-rikorrent mhuwiex korrett li jgħid li l-liġi ma tagħtix diskrezzjoni lill-Qorti dwar kif għandha titħallas il-multa. L-Artiklu 14(2) jagħti diskrezzjoni lill-Qorti dwar il-modalita` tal-ħlas tal-multa. Huwa minnu li l-

istess liġi tgħid li ż-żmien kollu li tulu l-ammont sħiħ għandu jitħallas m'għandux jaqbeż it-tliet snin imma b'daqshekk ma jfissirx li għaliex hemm terminu massimu allura hemm arbitrarjeta`. Possibbilment kien ikun hemm arbitrarjeta` jekk ma jkunx hemm termini speċifiċi fil-liġi u kollox jitħalla fuq l-għażla tal-ġudikant mingħajr l-ebda kriterji fissi, oġġettivi u prevedibbli. Ma jistax jingħad li t-terminu ta' tliet snin mhuwiex raġonevoli jew ibbilanċjat.

**L-Artiklu 579 tal-Kap 9:**

> **"(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:**
>
> **"Iżda din id-disposizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hix ta' konsegwenza serja.**
>
> **"(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.**
>
> **"(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.**
>
> **"(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat**

**kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2)".**

Ma hemm xejn illegali, arbitrarju jew sproporzjonat li wieħed jitlef id-depożitu u l-garanzija personali stabbilita fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest, jekk dak li jkun iwettaq reat f'dak iż-żmien li huwa jkun taħt ħelsien temporanju pendenti l-proċeduri kriminali oħra. Il-konfiska hija espressa fil-liġi u ssir minħabba l-eżistenza ta' raġunijiet gravi.

Ir-rikorrent fis-sentenza Dok. AS2 kien ħaqqu li jġarrab il-konfiska tad-depożitu ta' €500 u l-konfiska tal-garanzija personali fl-ammont ta' €10,000, ġaladarba fil-perjodu li huwa kien meħlus mill-arrest (pendenti proċeduri kriminali oħra serji dwar it-traffikar u l-pussess aggravat tad-droga), huwa nqabad u nstab fil-pussess ta' 75 pillola ecstacy f'ċirkostanzi li juru li dawn il-pilloli ma kinux għall-konsum tiegħu. Il-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija personali kienet għalhekk mistħoqqha billi kien ir-rikorrent li mhux talli ma obdiex il-kundizzjonijiet tal-liberta` proviżorja iżda talli abbuża mil-liberta` mogħtija lilu biex iwettaq reat serju u gravi ħafna.

**L-Artiklu 586 tal-Kap 9:**

**"(1) Kull min jiġi arrestat minħabba li ma jkunx ħallas is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu, għandu jinżamm f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) ta' dik is-somma, sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkużat sew jekk tkun il-pleġġ.**

**"Iżda fl-ebda każ ma għandha d-detenzjoni għal min ma jħallasx is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu taqbeż is-sitt xhur jekk l-ammont ma jkunx iktar minn sebat elef ewro (7,000), sena jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tletin elf ewro (30,000), tmintax-il xahar jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tmenin elf ewro (80,000) u sentejn jekk ikun iktar minn tmenin elf ewro (80,000).**

**"(2) Jekk il-persuna hekk detenuta ma jkollhiex biex titmantna minn tagħha, għandu jmantniha l-Gvern; iżda f'dan il-każ hija tista' tkun**

**imġiegħla taħdem bħall-priġunieri l-oħra li huma suġġetti għax-xogħol, u tista' tinżamm f'kull ħabs li jkun".**

Il-liġi hija ċara u prevedibbli meta għandu jkun hemm detenzjoni għal min ma jħallasx l-ammont li jkun suġġett tal-garanzija personali.

Hekk ukoll din il-liġi hija proporzjonata għaliex il-konverżjoni tal-ħlas ta' din is-somma fi żmien ta' priġunerija, b'rata ta' €11.65 għal kull ġurnata, hija waħda raġonevoli. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li fil-liġi hemm ukoll massimu ta' żmien ta' kemm wieħed għandu jagħmel priġunerija f'każ li ma jħallasx is-somma li jkun intrabat illi jħallas fil-garanzija personali.

Bit-tħaddim tal-artiklu 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent jista' jagħmel sa massimu ta' sena priġunerija jekk kemm-il darba huwa ma jħallasx is-somma sħiħa ta' €10,000 li ntrabat li jħallas minħabba li huwa wettaq reat gravi waqt li kien taħt ħelsien temporanju. Tassew ma hemm xejn arbitrarju jew sproporzjonat li r-rikorrent jagħmel sena l-ħabs talli ma ħallasx is-somma ta' €10,000 li ntrabat illi jħallas talli huwa wettaq reat fi żmien li huwa kien meħlus mill-arrest.

Ir-rikorrent jallega li ma kienx possibbli għalih li jħallas il-multi għaliex waqt li kien il-ħabs ma setax jaqla' flus u wara li ħareġ kien diffiċli għalih li jsib xogħol. Għalkemm ressaq provi li fil-banek ma kellu kważi xejn flus iddepożitati, u ressaq lill-uffiċjal tal-faċilita` korrettiva, ma xehedx hu nnifsu biex jikkonferma li ma setax qala' iktar flus, imqar waqt li kien iservi l-piena karċerarja, u lanqas saru domandi f'dan is-sens lill-uffiċjal imsemmi. Anzi l-uffiċjal qal li għalkemm għamel perjodu qasir f'impjieg redditizju, ir-rikorrent għażel hu stess li ma jkomplix. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti ma tarax li l-fatt li r-rikorrent ma kellux flus jista' jsarraf fi ksur tad-disposizzjonijiet dwar jeddijiet fundamentali *de quo.* Ġaladarba r-rikorrent għażel it-triq tal-kriminalita`, u kompla fiha anke meta ngħata ċans ibiddel ir-rotta, għall-konsegwenzi jaħti hu

stess: *imputet sibi.* Ma jistax iwaħħal fil-liġi. Lanqas huwa l-każ li ġie ddiskriminat għax mhuwiex sinjur.

Għalhekk il-Qorti ma ssibx li l-Artikli 11, 14, 579 u 586 tal-Kap 9 imorru kontra l-artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-artiklu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Art. 6 tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni:**

Skont Art 6(1) tal-Konvenzjoni:

> "**Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi".**

Artiklu 39(1) tal-Kostituzzjoni jgħid li:

> "**Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."**

Il-Qorti issa sejra tikkunsidra jekk l-imsemmija Artikli 11, 14, 579 u 586 imorrux kontra l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Kif tajjeb wieġeb l-Avukat tal-istat, il-kunċett kollu ta' smigħ xieraq ma jdurx mal-applikazzjoni jew interpretazzjoni tal-liġi sostantiva jew mal-prinċipji tal-ermenewtika legali iżda huwa mixħut esklussivament fuq il-*procedural fairness'* ta' kawza. L-artikli in kwistjoni tal-kodiċi penali huma ta' natura sostantiva u

m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-mod ta' kif għandu jitmexxa proċess ġudizzjarju.

L-aċċess għall-qorti ma jfissirx li l-liġi għandha tinkiteb kif tkun tixtieq parti. Lanqas ma jagħmel sens l-argument tar-rikorrent li hemm nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalita` tal-ġudikant għaliex dan huwa marbut b'dak li tgħid il-liġi. Għall-kuntrarju, fil-qasam kriminali huwa meħtieġ taħt l-Artiklu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea li jkun hemm liġi ċara u prevedibbli li fuqha għandha timxi l-qorti sew fejn jolqot in-natura tar-reat u sew fejn jolqot il-piena. Wara kollox, iċ-ċertezza tad-dritt ukoll hija valur u din iċ-ċertezza tonqos jekk, kif irid ir-rikorrent kollox jitħalla fl-għama fid-diskrezzjoni tal-ġudikant mingħajr kriterji ta' xejn fil-liġi.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjeż a kariku tiegħu.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA